MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1210/2005

**Maltacom plc.**
**Vs**
**Ray Sammut u Charles (Carmel) Chetcuti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici fejn qed titlob li t-Tribunal jikkundanna l-konvenuti ihallsuha is-somma ta’ sitt mija tmienja u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm658.15), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati mill-konvenuti fil-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt xogholijiet fuq cables fit-Triq il-Maghkuba, fl-Mgarr fit-3 ta’ Awissu, 2004 (GT3/04/35 INV.16884);

Illi l-konvenuti gew interpellati divesi drabi sabiex ighaddu ghal-hlas izda baqqghu inadempjenti;

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta’l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali;

Ra r-risposta tal-konvenut Emmanuel Chetcuti li eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghax huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li fit-twettiq tax-xoghol minnu kommissjonat ma wera l-ebda negligenza jew nuqqas ta’ hila fis-sengha u l-arti;

L-istess konvenut Chetcuti jeccepixxi illi huwa mexa skond kif kien qed jigi dirett minn Ray Sammut, il-konvenut l-iehor. Huwa jissottometti ukoll f’dan il-kuntest li huwa diga’ tressaq quddiem il-Qorti Kriminali imma gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu;

Ra r-risposta tal-konvenut l-iehor Ray Sammut li eccepixxa illi preliminarjament hemm lok ghall-korrezzjoni fil-fatti kif iddikjarati fl-avviz promotorju u dana fis-sens illi x-xogholijiet fuq cables ma sehhewx fi triq il-Maghkuba, Mgarr, izda saru fi triq Fisher, Mgarr u dawn saru bejn it-30 u 31 ta’ Lulju, 2004 u mhux fit-3 ta’ Awissu, 2004;

Illi l-istess konvenut qatt ma rcieva kont mis-socjeta’ attrici dwar hlas ta’ danni, u ghalhekk mhuwiex minnu li hu gie interpellat diversi drabi u baqa’ inadempjenti;

Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici;

Salv eccezzjonjiet ulterjuri;

Ra x-xhieda ta’ Dr.Keith Grech, li ghan-nom tas-socjeta’ attrici kkonferma dak li kien hemm fil-*file* relattiv li jgib in-numru GT3/2004/35) u ddikjara li l-konvenuti Ray Sammut u/jew Emmanuel Chetcuti ghandhom jaghtu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija, tmienja u hamsin lira u hmistax-il centezmu (Lm658.15) in konnessjoni ma’ hsarat minnhom ikkagunati fil-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, konsistenti f’*cables* tat-telefon, liema *cables* kienu jinstabu fi Triq Fisher, Mgarr;

Dan kollu sehh f’Awissu, 2004;

Ra x-xhieda ta’ Victor Busuttil, Senior Technical Officer mas-socjeta’ attrici, li ddikjara li f’Awissu, 2004 kienet giet ikkagunata hsara lill-cables tas-socjeta’ attrici, fi triq Fisher, Mgarr;

Ighid li s-socjeta’ attrici ma kienitx giet mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista’ jsir u lanqas ma kienet intalbet sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn kienu jinstabu l-*cables* jew taghti informazzjoni dwar l-istess;

Ra x-xhieda ta’ Vincent Camilleri, impjegat mas-socjeta’ Wirenet Ltd, kumpanija sussidjarja tas-socjeta’ attrici, li ikkonferma li hu kien ghamel rapport mal-pulizija ta’ l-Imgarr dwar dawn l-hsarat fl-4 t’ Awissu, 2004;

Jiddikjara li l-hsarat gew ikkagunati mill-konvenut Chetcuti waqt li kien qed jaghmel xogholijiet fuq istruzzjonijiet tal-konvenut l-iehor Sammut;

Ra x-xhieda ta’ Ing.Ives Pocock, li huwa impjegat mas-socjeta’ Wirenet Ltd, li filwaqt li kkonferma dak kollu li xehdu ta’ qablu, jispjega ukoll li l-ammont ta’ hsarat ammontanti ghal sitt mija, tmienja u hamsin lira u hmistax-il centezmu (Lm658.15), huwa kompost minn tlett mija sitta u ghoxrin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm326.87) bhala *labour cost*, u mitejn u tlettin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm230.88) bhala spejjez materjali, flimkien ma’ mitt lira u erbghin centezmu (Lm100.40) bhala VAT;

Ra x-xhieda ta’ Ray Cachia li huwa mpjegat mas-socjeta’ attrici, li jispjega li fil-15 ta’ Frar, 2005 inharget fattura bin-numru 16884 ghall-ammont ta’ sitt mija, tmienja u hamsin lira u hmistax-il centezmu (Lm658.15), fil-konfront ta’ Emmanuel Chetcuti ghall-hsarat li kkaguna fil-cables ta’l-istess socjeta’ attrici u dan f’Awissu, 2004;

Ix-xhud jikkonferma li l-hlas ghadu ma sarx;

Ra x-xhieda ta’ PS1174 Adrian Sciberras, li kkonferma r-rapport li kien ghamel. Jikkonferma ukoll il-kont li kien hejja fuq rapport ta’ Vincent Camilleri bhala Technical Officer mas-socjeta’ attrici;

Ix-xhud jikkonferma li hu kien mar personalment fuq il-post u kien tkellem mal-konvenuti. Ighid li kien ra *pipe* tal-*plastic* li kien jghatti *cable*, liema *pipe* kien qala’ daqqa, cioe, kien gie danneggjat. Jinnota li ma kienx hemm “*heavy machinery*” fil- vicinanzi, pero’ kien hemm toqba li saret quddiem d-dar tal-konvenut Sammut, madwar metru u nofs mill-bieb, u li kienet saret fuq il-bankina;

Jispjega li Chetcuti kien qallu li kien ghamel xogholijiet fuq istruzzjonijiet li  tah Sammut li mhux kuntrattur. Hadd mill-konvenuti ma ffirma id-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’, pero’ lil Chetcuti biss kien talab ghal firma u dan ma ffirmahx, izda lil Sammut ma kienx talbu;

Ra x-xhieda ta’ Emmanuel Chetcuti, li jispjega li hu mpjegat ta’ Ray Sammut u kien jerfa’ l-gebel. Ighid li Sammut kien ghadu kemm bena d-dar tieghu u kienu qed jaghmlu x-xoghol tad-drenagg. Sammut kien tah l-ordni sabiex ihaffer mit-tarf tad-dar sat-tarf tal-bankina u dan sakemm nies tal-Gvern jilhqu jikkomunikaw;

Jispjega ukoll li kien hemm bicca konkos iebsa u peress li kien qed juza’ l-*jigger*, dan ma kellux sahha biex ikisser. Waqt li kien qed ikisser sab *pipe* u kien waqaf milli jahdem u kien qal lil Sammut li minn fuq kien dahak bih u tah ordni biex ikompli jahdem. Ix-xhud ighid li kienet tinkwietah din il-bicca tal-*pipe* u minkejja li kompla jhaffer kien qal lill-imghallem b’dan u cioe’ lill-konvenut Sammut, u kien hawn li mbaghad kien waqaf millli jkompli x-xoghol;

Xi jumejn wara jghid li kienu gew in-nies tal-Maltacom bl-ingenji taghhom u bdew ihaffru fejn kien haffer hu. Ighid li kull ma kien laqat kien *wire* zghir u tal-Maltacom kienu ghamlu t-tiswijiet;

Xi xahrejn wara kien ircieva kont u dan meta ma kellux ikun responsabbli ghall-kontijiet. L-imghallem ukoll kien qallu sabiex ma jitkellimix mal-pulizija;

Ix-xhud jispjega li kien sema' lir-rapprezentant tal-Maltacom ighid lill-imghallem li suppost qabel ma ghamel dawn ix-xogholijiet kellu jmur ghandhom sabiex jaghtuh pjanta u jghidulu fejn kellu jhaffer;

L-imghallem huwa perit u ighid li kien hemm ukoll il-perit tal-Maltacom;

Ix-xhud jikkonferma li qabel ma bdew ihaffru ma kien gie hadd mill-Maltacom sabiex jaghmel il-marki. Kien sar jaf b'dan biss meta l-foreman tas-socjeta' attrici informa lil Sammut li bhala perit suppost kien jaf li kellu japplika ghal permess qabel ma jibda jhaffer;

Ix-xhud ighid li hu kien impjegat tal-Perit Ray Sammut, izda ma jhadimx ta' kuntrattur privat;

Ra x-xhieda ta' Ray Sammut li jikkonferma li kien hemm zewg haddiema li kienu ghaddew xi pajpiet u kienu taw il-konkos u dan kien ghal ahhar tas-sena 2004. Xi erbat ijiem wara kienu cemplu tal-Maltacom sabiex jinfurmawh li kien hemm xi hsarat. Kien offra li jirranga l-hsarat, izda r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici riedu li jitbiddel il-cable kollu;

Kienu gew tal-Maltacom biex isewwu l-hsarat u x-xhud ighid li kien prezenti u kien sahansistra gibdilhom l-attenzjoni li kien hemm pajpijiet tal-15mm ghaddejjin u li dawn kellom xi hsara li kien jikkorispondi ezatt mas-shaft tal-makkinarju minnhom uzat;

Ighid li xorta wahda baqghu ghaddejjin bix-xoghol u bidlu l-cable;

Ix-xhud jikkonferma li kien nesa' japplika ghal permess minghand is-socjeta' attrici, izda ma setax jahseb kif il-konvenut Chetcuti kien qal li sab bicca konkos iebsa u waqaf ghaliex kieku kien jaf kien iwaqqfu hu stess;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

F’dan il-kaz in ezami m’hemmx kontestazzjoni li d-danni gew ikkagunati fil-*cables* ta’ 15mm, proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Il-kontestazzjoni tidher li tirrigwarda min mill-konvenuti kien responsabbli ghal dawn il-hsarat, il-konvenut Chetcuti bhala mpjegat tal-konvenut Sammut, li kien il-perit li ingagga s-servizzi tieghu jew kienx l-istess Perit li kien ordna li jsiru x-xogholijiet kif qed jigi allegat, jew oltre minn hekk kienux it-tnejn li kienu negligenti fix-xoghol taghhom u ghalhekk responsabbli ghad-danni kagunati;

Qabel ma dan it-Tribunal janalizza jekk kienx jezisti dan in-*nexus* jew le bejn iz-zewg konvenuti ihoss li ghandu jippronunzja ruhu fuq dik li hija l-procedura obbligatorja li titlob is-socjeta’ attrici meta jkun ser isir xi thaffir fit-toroq –

***“Izda stante li dan ix-xoghol kien ser jigi ezegwit f’toroq pubblici fejn necesssarjament jkun hemm mil-presenza ta’ “equipment” ta’ diversi entitajiet ohra governattivi kif ukoll, f’xi kazi, private, bhal ma huma pipijiet ta’l-ilma u tad-drenagg, servizzi tal-elettriku u tat-telefon…….l-persuna inkarigat mis-socjeta’ konvenuta, li effettivament tkun “the front man,” waqt ix-xoghol, trid necessarjament tkun ukoll kompetenti sabiex tassikura li ma tigi kkagunata l-ebda hsara f’dawn l-impjanti u partikolarment tkun ukoll konxja tar-regolamenti relatati ma’ dawn it-tip ta’ xogholijiet. Senjatament li tkun taf xi jfissru l-marki li jsiru mid-diversi entitatjiet pubblici jew private, fuq is-superfici tat-triq u daqstant importanti, kif ghandu jigi ezegwit x-xoghol meta jigu riskontrati dawn l-ostakoli.[1]***

[1] Maltacom plc. vs Excavation Plus Ltd. PA 02/10/2002 - Citaz.Nru.826/2000

Mill-provi gie kkonfermat li l-konvenut Sammut ma kienx applika ghal permessi relattivi, inkluz dak tas-socjeta' attrici. Dan *per se* diga' jwassal ghar-responsabbilita' tal-konvenut Sammut li ordna li jsir it-thaffir minghajr ma talab permess u dan bi pregudizzju ghas-socjeta' attrici, meta qabad u ordna li jsiru xogholijiet minghajr direzzjoni dwar l-ezistenza u posizzjoni ta' *pipes*, *cables*, etc., .Dan, fil-fehma tat-Tribunal igorr mieghu il-konsegwenza li jekk sar thaffir li ikkaguna hsara li setghet talvolta tigi evitata b'semplici direzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, min kellu id-dover li japplika jew jitlob ghat tali direzzjoni u baqa inadempjenti ghandu jirrispondi ghal hsara kagunata bhala rizultat ta' tali nuqqas;

Jibqa' biex jigi analizzat minn dan it-Tribunal jekk il-konvenut Chetcuti ghandux jinzamm solidalment responsabbli ghall-hsarat ikkagunati lis-socjeta' attrici;

Dan il-konvenut jghid li wara li beda jhaffer kien sab *wire* zghir, kien qal lill-konvenut Sammut li kien qed jibza' jkompli, izda kien kompla biss fuq l-insistenza ta' Sammut u mbaghad waqaf minn jeddu. Il-konvenut Chetcuti jittenta jpingi ruhu bhala impjegat li uza d-diligenza u li kien ghamel xogholu skond is-sengha u l-arti;

Il-verzjoni tal-konvenut Sammut hija kontrastanti in kwantu huwa jghid li kieku Chetcuti kien qallu li kien sab xi haga, hu kien iwaqqfu;

L-Artikolu 1037 ta-Kodici Civili jipprovdi illi ***"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi. Din hija l-hekk imsejha regola ta' "vicarious responsibility" li ggieghel lil min jaghti x-xoghol jirrispondi ghan-nuqqasijiet tal-impjegat tieghu."***[2]

[2] Maltacom plc. vs Excavation Plus Ltd, -2/10/2002 PA, Citaz. Nru. 826/2000

Fil-kaz in ezami, ma tressqu ebda provi f'dan is-sens u ghalhekk dan it-Tribunal irid joqghod fuq provi cirkostanzjali li johorgu mill-atti tal-process. Il-konvenut Chetcuti beda jhaffer, meta kien konxju li ma kienx hemm marki sabiex jiggwidawh fit-thaffir tieghu. Hu jammetti li l-ewwel darba li sar jaf li ma kienx hemm marki u li Sammut ma kienx applika ghal permess minghand is-socjeta' attrici meta kienu marru rappresentanti tas-socjeta' attrici fuq il-post;

Huwa fatt ikkonfermat ukoll minn PS 1174 Sciberras li l-konvenut Chetcuti kien infurmah li kien hadem fuq istruzzjonijiet ta' Sammut.

Ma jidhirx li Chetcuti kien impjegat li ma kellux hila, izda kien jaf x'kien qed jaghmel, tant hu hekk li meta nduna li kien ikkaguna hsara f'xi cables tas-socjeta' attrici kien talab lil Sammut biex jieqaf. It-Tribunal ihoss pero' li ciononostante kien hemm certu grad ta' negligenza da parti tal-konvenut Chetcuti u dan meta beda x-xoghol meta effettivament ma kienx hemm indikazzjoni ta' xi marki jew indizji biex jiggwidah u jevita konsegwenti hsara fl-*"equipment"* ta' diversi entitatjiet governattivi, kif ukoll f'xi kazijiet privati. Lanqas ma gie ppruvat li kien iddiskuta l-kwistjoni tal-permessi relattivi mal-konvenut Sammut. It-Tribunal ihoss li trid tkun persuna stupida biex almenu ma tahsibx fuq il-possibilita' li jkun hemm *cables*, etc, li jistghu jigu danneggjati u t-Tribunal m'ghandu ebda indikazzjoni li l-konvenut Chetcuti jappartjeni ghal din il-kategorija ta' nies. Inoltre jirrizulta ukoll li l-istess konvenut kien kompla bix-xoghol, fuq istruzzjonijiet ta' Sammut u kien biss meta induna li seta' jikkaguna aktar hsara li kien waqaf hesrem;

Wara li t-Tribunal analizza l-gurisprudenza nostrana, flimkien ma' dik citata mis-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, huwa jaqbel mat-tesi tas-socjeta' attrici ***li "jinkombi b'dover fuq l-appaltatur jew imprenditur "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli ala solidita' e contrari alle buone regole dell'arte.""*** [3]

---

[3] Christine Saliba et.noe. vs Emmanuel Briffa – PA 16/06/2003 – Citaz.Nru. 937/1993

Kien ikun opportun li l-konvenut Chetcuti jirrifjuta li jezegwixxi x-xogholijiet sabiex ma jinzammx responsabbli, izda mill-provi jirrizulta li dan m'ghamlux mill-bidunett, izda kien waqaf wara li giet ikkagunata l-hsara. Hadem irrispettivamernt mill-hsara li seta' jikkaguna, ha riskju u ghalhekk ghandu jirrispondi anki hu. Huwa inkoncepibbli ghat-Tribunal kif l-konvenut Chetcuti hadem xoghol tas-sengha tieghu, minghajr ma ta kaz in-nuqqasijiet tal-konvenut Sammut. Dan biss huwa bizzejjed biex l-istess konvenut jinzamm responsabbli solidalment mal-konvenut Sammut;

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Chetcuti li hu gie liberat mill-akkuzi fil-proceduri kriminali, it-Tribunal jiddikjara li peress li hawn qeghdin fil-kamp civili, u dawn l-istess proceduri huma distinti minn dawk kriminali, id-decizjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti hija wahda separata u distinta u bl-ebda mod m'hi rilevanti jew tincidi fuq id-decizjoni ta' dan it-Tribunal;

In materja ta' danni, li jammontaw ghal sitt mija, tmienja u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm658.15), ma ngabux provi in kontestazzjoni u ghaldaqstant, it-Tribunal sejjer jikkonferma l-istess *quantum* tad-danni kif mitlub.

It-Tribunal ukoll ma jarax valur fis-sottomissjoni jew eccezzjoni tal-konvenut Sammut li hu ma giex interpellat mill-attur biex jaghmel tajjeb ghad-danni. Jidher car mill-provi li tul il-hin kollu hu kien konsapevoli mid-domanda tas-socjeta attrici ghar-risarciment tad-danni kawzati. Inoltre fl-ebda hin ma ta indikazzjoni illi li kieku gie interpellat ufficjalment biex ihallas kien ser jaghmel dan u b'hekk tigi evitata il-kawza fil-konfront tieghu. Anzi jikkontesta kollox;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jzomm il-konvenuti responsabbli solidalment bejniethom ghad-danni kkagunati fl-ammont ta' sitt mija, tmienja u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm658.15), filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet taghhom.

Bl-imghaxijiet mis-26 ta' Mejju, 2005 sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-atturi ikunu a kariku tal-konvenuti mentri kull konvenut ibati l-ispejjes tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------